# Bil-filmat: Il-GWU Youths fl-Università waqt il-Fresher's Week

**Ott 03, 2016 17:36** **Miktub minn iNews**



***… is-Segretarju tat-Taqsima, Kendrick Bondin, jispjegalna x-xogħol li tagħmel din it-taqsima***

Dan il-ġurnal tkellem mas-Segretarju tat-Taqsima taż-Żgħażagħ tal-General Workers' Union, Kendrick Bondin, dwar ix-xogħol li huma jagħmlu.

Bondin qalilna li x-xogħol tat-taqsima tiegħu hu li jirrappreżentaw liż-żgħażagħ, proprju dawk li għandhom inqas minn 35 sena. Il-ħaddiem dejjem għandu t-taqsima speċifika tiegħu skont x'jaħdem, iżda jekk ikollu taħt il-35 sena jibbenefika mit-taqsima tal-Youths ukoll.

"Il-GWU toffri ħafna benefiċċji, fosthom li dawn jingħataw il-ħlas li jkun dovut lilhom, il-kundizzjonijiet ta' fuq il-post tax-xogħol, u li ma jkunux diskriminati."

Bħala inizjattivi sportivi l-GWU Youths qed jgħaqqdu wkoll it-timijiet tal-futbol tal-irġiel u n-nisa. Barra minn hekk qed jipprovaw li jtellgħu iktar *exchanges* barra minn Malta permezz tal-iskema ''Erasmus Plus''. Dan qed isir biex bħala GWU jiġu mibgħuta l-membri tal-Union jipparteċipaw f'diskussjonijiet barra minn Malta.

"Fl-aħħar mill-aħħar meta jiġu lura dawn jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-membri l-oħra."

Meta mistoqsi għaliex il-GWU Youths ħadu sehem fil-Fresher's Week ta' din is-sena, meta l-universitarji għadhom biss studenti u mhux ħaddiema uffiċjali, Bondin qalilna li wara dan kollhu hemm ħsieb ukoll. "Li tkun student sa' ċertu punt hi professjoni, allura aħna rridu li d-drittijiet ta' dawn ikunu mħarsa wkoll. Barra minn hekk, dawn xi darba se jkunu ħaddiema huma wkoll. Waqt li l-istudent qiegħed fl-Università biex jitgħallem, aħna qegħdin hawn biex ngħallmuhom dwar id-drittijiet tagħhom," temm jgħid is-Segretarju.